# Kunsill Lokali Valletta –
# Dekasteri **INDAFA U ANZJANI**







# Introduzzjoni

Madwar sitt xhur ilu s-sindku Laburista fdali dawn id-dekasteri tant importanti għall-kunsill kif ukoll għall-beltin. Dekasteri li mhux facli tmexxi minħabba l-komplessivita tagħhom.

## : Nibda minn dak tal-INDAFA.

## Knis ta' toroq.

Nibda billi insemmi li ta' kuljum u mhux darba li nikkuntatja lill-kuntrattur li jieħu ħsieb il-kenniesa sabiex naraw fejn nistgħu ntejbu l-livell tas-servizz u fejn naraw li x-xoghol ma sarx kif suppost. Naħdmu ferm tajjeb ma dan il-kuntrattur għax nifmhu lil xulxin minkejja d-diffikutajiet li dan ix-xogħol iġib miegħu. Sodisfatt li f'dawn ix-xhur il-ħidma u s-servizz tjieb immens.

## Tindif ta' spralli tal-ilma tax-xita.

L-istess kuntrattur qed jaħdem fuq din il-materja, u spiss nibgħatlu fejn ikollna sprall jew tnejn li jkun jeħtieg manutenzjoni jew xi tindifa. Spiss ninnutaw li wara li jsir dak li jkun hemm bzonn nerġgħu naraw lil min jitfa' skart ta kostruzzjoni fihom bħal siment u kimika oħra.

## Qtugħ tal-ħaxix u żbir tas-sigar.

Ġonna, Central strips u toroq, kemm fix-xitwa kif ukoll fis-sajf dejjem naraw ħaxix jinbett minn kullimkien. Dan iwassal sabiex għal spiża oħra tal-kunsill, jqabbad kuntrattur sabiex neliminaw dan il-ħaxix ħażin u grazzi għall-kuntrattur li dan jagħmlu minnufih u tajjeb.

## Ġbir ta' skart residenzjali.

Kuntratt li qed jiġi jiswa lill-kunsill eluf kbar ta' ewro, nasħeb li qed nilħqu il-miri tajjeb minkejja li għandna ħafna fejn intejjbu. Minn riċerka li għamilt jidher li ħafna minn nies għadhom mhux konxji kif u meta toħrog il-borza is-sewda, dik organika u dik tar-riċiklaġġ. Hemm bzonn li bħala kunsill nagħfsu fuq din il-materja u jekk hemm bzonn ninfurzaw b'multi lil min ma jridx jitgħallem jew jikkopera. Tajjeb li ngħidu ukoll li l-borża s-sewda mhux biżżejjed li tinġabar darbtejn biss fil-gimgħa imma nifhem ukoll li ħafna minn dawn in-nies ma jridux jibdew jagħmlu reċiklaġġ kif suppost.

Hemm bzonn ta' kampanja edukattiva fost l-abitanti tal-belt sabiex jiġu konxjii ta' dak li nippretendu minnhom.

## Ġbir ta' skart goff.

Anki hawn jidher li l-kuntrattur qed jagħmel dak kollu possibli biex jinġabar il-massimu ta' skart goff. Nirraporta lill-kunsill li minn stħarriġ li għamilt jidher li għandna persuna jew persuni mhux magħrufa li qed jarmu bmod illegali ammont kbir ta' skart f'żoni li ma nistawx niddentifikaw minħabba li ma hemmx cctv. Imma fuq kollox qed issir bicca xogħol tajba.

Minkejja li dawn huma ftit milli għamilna f'dawn l-aħħar xhur ta' tmexxija ġdida jidher li fi tmun għandna kunsill lokali li jaf tajjeb minn fejn tlaqna u fejn irridu imorru.

Nafu ezatt il-bżonnijiet ta' dawn id-dekasteri u minn hawn nappella sabiex filwaqt li inkomplu insostnu dak li bdejna, issa niffukaw fuq infurzar aktar serju sabiex nagħmlu minn dan il-kunsill l-aqwa li qatt kellha l-Belt Valletta.

**Ray Azzopardi**

**Kunsillier responsabili**

**Anzjani u Ndafa Pubblika**

**Kunsill Lokali Valletta**